ŻABBAR
*Città Hompesch*

**Minuti tat-366 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**l-Erbgħa, 17 ta' Frar, 2010**

Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John Pace, u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sur Frans Catania u s-Sinjura Anna Calleja.

Is-Sur Keith Pisani kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-365 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Dwar it-tismija ta' toroq ġodda f'Ħaż-Żabbar is-Sinjura Calleja rrimarkat li ħdejn l-ismijiet jitniżżlu d-dettalji bażiċi tal-persuna li għalih jew għaliha tkun qed tissemma t-triq.

Is-Sur Pace ppropona li f'kaz li xi wieħed mill-ismijiet issuġġeriti mill-Kunsill ma jiġix milqugħ, jiġi ssuġġeriet li tissemma triq għat-tenur John Delia.

Is-Sinjura Calleja qalet li l-bozoz li hemm fi Triq is-Santwarju qed jinqatgħu spiss u dan żgur qed ikun ta' spiza għall-Kunsill. Għalhekk talbet li tiġi ċċertifikata l-kwalita' ta' bozoz li qed jintużaw f'din it-triq.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lill-kuntrattur Alfred Schembri & Sons dwar ix-xogħol ta' *resurfacing* li sar fi Triq G Agius Muscat. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fl-affermattiv.

Is-Sur Buttigieg insista li l-Kunsill ma jħallasx lill-kuntrattur qabel ma jagħmel ix-xogħol mill-ġdid

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta dwar ix-xogħol ta' manutenzjoni li jeħtieġ isir fi Triq tal-Labour u talab li fl-ittra jitniżżel jekk iċ-ċnut u l-bankini kienux ser isiru wkoll.

Is-Sur Grech staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta għall-proposta tal-*Maltapost* biex jiġu spustjati wħud mill-kaxxi tal-ittri f'Ħaż-Żabbar. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv. Is-Sur Grech qal li ma jaqbilx li l-kaxxi tal-ittri jiġu spustjati minn fejn huma.

Is-Sur Bonnici talab li l-Kunsill jieħu azzjoni dwar l-ilment tal-familja Portelli li ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti.

<u>Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati</u>

Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat għall-Ġemellaġġi u Ndafa Pubblika. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Pace.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ dwar seduta li ser issir nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2010 b'konnessjoni mat-talba għall-ħlas li qed issir mill-kumpanija *Karmig Trading Limited* li qed titlob lill-Kunsill iħallas is-somma ta' €49,012 bħala taxxa fuq il-valur mizjud għax-xogħlijiet li saru minn din il-kumpanija.

Inqrat Memo 32/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skema ta' għajnuna lill-Kunsill Lokali li tul is-sena jilqgħu fihom attivitajiet fuq skala nazzjonali u li jkunu organizzati esklussivament mill-Gvern Ċentrali.

Inqrat Memo 33/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar fond ewropew għall-izvilupp reġjonali (FEZR) 2007 – 2013.

Inqraw dokumenti u proposti mibgħuta mill-MEPA dwar *National Flood Relief Project* f'Ħaż-Żabbar u Wied il-Għajn.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta dwar xi sinjali u marki tat-traffiku f'Ħaż-Żabbar li jeħtieġ li jiġu rranġati.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Supretendent Bartolo dwar proposta li saret mill-Ispettur Fleri biex isir *road hump* fi Triq Bajada f'Ħaż-Żabbar.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn 15 ta' Jannar u 17 ta' Frar, 2010 li kien jammonta għal €35,297.80. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Pace.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Jannar 2010 li kien jammonta għal €106.70. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Approvazzjoni tal-Estimi Annwali għas-Sena Finanzjarja 2010

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja 2010. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Sindku qal li kien intlaħaq ftehim mal-kumpaniji *WasteServ* u *Green Pak* dwar il-ġbir ta' skart separat mir-reċipjenti tal-*Bring In Sites.* Is-Sindku ppropona li jiġi ffirmat il-kuntratt ma' dawn iz-zewġ kumpaniji biex il-*Bring In Sites* jgħaddu minn idejn il-*WasteServ* għal għand il-kumpanija *GreenPak.* B'hekk il-kumpanija GreenPak issa ser tkun responsabbli mill-ġbir ta' skart separat minn reċipjenti li hawn f'diversi nħawi ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqraw il-minuti tal-Laqgħa Annwali Pubblika li saret nhar is-Sibt, 30 ta' Jannar, 2010.

Dwar il ħsieb tal-Gvern Ċentrali biex titwaqqaf komunita fiż-żona ta' *St Peter's*, il-Kunsill, fuq proposta tas-Sindku li giet issekondata mis-Sur Catania, qabel unanimament li jipprotesta formalment kontra din il-proposta u dan għal diversi raġunijiet fosthom għall-fatt illi ż-żona ta' *St Peter's* ma tistax tiġi klassifikata bħala xi raħal żgħir. Minbarra hekk mill-informazzjoni li ntbgħatet lill-Kunsill mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, qed jiġu nklużi f'din iż-żona numru ta' toroq li qatt ma kienu jiffurmaw parti miż-żona ta' St Peter's. Il-Kunsill qabel li ż-żona ta' St Peter's dejjem ingħatat l-attenzjoni xierqa u matul is-snin kien hemm infiq sinifikanti mill-fondi allokati biex jiġu ndirizzati l-ħtiġijiet u titjieb il-kwalita' ta' ħajja tar-residenti ta' din iż-żona.

Inqrat stqarrija għall-istampa maħruġa mid-Dipartiment tal-Informazzjoni dwar il-ftuħ uffiċjali taċ-ċentru tal-informatika fil-bini amministrattiv tal-Kunsill li sar nhar il-Gimgħa, 12 ta' Frar, 2010.

Is-Sur Buhagiar staqsa dwar is-seminar li ser isir mill-European Cities Against Drugs. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li iktar informazzjoni mistennija tingħata lill-Kunsill aktar il'quddiem.

Is-Sur Catania qal li x-xogħol ta’ manutenzjoni fi Triq l-Inkurunazzjoni ma jistax isir minħabba xi xogħol li trid tagħmel il-Korporazzjoni *EneMalta*. Huwa ppropona li l-Kunsill jinforma lill-pubbliku r-raġuni għaliex il-Kunsill m’għamilx x-xogħol ta’ manutenzjoni f’din it-triq u Triq is-Santwarju.

Fis-8.15 ta’ filgħaxija s-Sur Buttigieg talab li jkun skużat.

<u>Item 7 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sur Catania semma l-bżonn li tiġi rranġata l-parti ta’ fuq ta’ Triq Hompesch.

Is-Sur Catania semma l-bżonn li titnaddaf Triq is-Santwarju ma’ Triq tal-Labour għax kien tħalla ġebel mill-kuntrattur li bena fil-viċinanzi, kif ukoll li jitneħħew xi ġebel mitluqa li hemm fuq il-bankina fi Triq tal-Labour.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li titnaddaf u tiġi rranġata l-bankina fi Triq il-Kapuċċini quddiem il-ħnejja li minnha jidħlu l-grupp ta’ l-i*scouts* ta’ Ħaż-Żabbar.

Is-Sinjura Calleja staqsiet dwar jekk hux ser issir *ir-road hump* fi Triq il-Qaqoċċ. Is-Sindku qal li mir-respons li kellu l-Kunsill, ir-residenti jidhru li huma maqsuma fl-opinjoni tagħhom dwar jekk għandhiex issir din ir-*road hump*.

Is-Sur Grech ressaq ilment tar-residenti ta’ Triq il-Grazzji Sqaq Nru 3 dwar il-bżonn li jsiru *parking bays* u dan peress illi kien qed isir ipparkjar ħazin u r-residenti ma jkunux jistgħu joħorġu mill-isqaq.

Is-Sur Grech semma l-bżonn li jsiru *parking bays* f’parti minn Triq il-Kapuċċini, u fi Triq Lia ma’ Triq Santa Duminka. Huwa qal ukoll li għandhom isiru sinjali fiż-żona ta’ ħanut partikulari fi Triq il-Kapuċċini sabiex tissolva l-problema ta’ *parking* li qed ikun hemm fit-triq.

Is-Sur Buhagiar semma l-bżonn li jsiru *parking bays* fi Triq il-Ħawt.

Is-Sur Catania staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mill-ADT dwar it-talba li kien għamel il-Kunsill biex isiru *parking bays* fi Triq Bajada.

Is-Sinjura Calleja qalet li jekk isiru *parking bays* fi Triq Lia kien se jintilef ħafna spazju biex jipparkjaw il-karozzi.

Is-Sur Bonnici talab lill-Kunsill biex jikteb lill-ADT sabiex issir *loading & unloading bay* fi Triq Bajada ma’ Triq tal-Labour ħdejn il-ħanut Brumi. Is-Sur Bonnici reġa’ semma l-ħtieġa li tiġi spustjata *iz-zebra crossing* ta’ Triq Bajada peress illi din qegħda fil-kantuniera tat-triq.

Fit-8.40 ta’ filgħaxija is-Sur Catania talab li jkun skuzat.

Is-Sur Bonnici talab li jinħareġ l-avviż sabiex żgħażagħ Żabbarin jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-Kamp Internazzjonali għaż-Żgħażagħ li ser isir Le Mont Dore fi Franza fl-aħħar ħmistax ta' Lulju li ġej.

Is-Sur Bonnici semma l-ħtieġa li tkompli ssir il-manutenzjoni u jinżebgħu l-kumplament tal-bandli fil-*playing field* ta' Triq il-Kunvent.

Is-Sur Bonnici ppropona li l-Kunsill jixtri mutur tal-ħaxix biex dan ikun jista' jintuza mill-ħaddiema assenjati li qed jieħdu ħsieb il-*playing field* f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Pace staqsa dwar meta kien se jiġi installat il-*lift* fil-bini tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal il l-Perit kien qed iħejji l-ispeċifikazzjoni tat-*tender* u s-sejħa għall-offerti kienet ser tinħareġ fil-ġimgħat li ġejjin.

Is-Sur Pace qal li l-organizzazzjoni fi żmien il-Karnival mar kollox sew. Huwa qal ukoll li meta tiġi organizzata attivita' għandu jinżamm kollox mal-programm.

Is-Sur Pace nforma lill-Kunsill bil-programm taż-żjara tal-President ta' Malta li ser issir nhar it-Tlieta, 23 ta' Frar u nhar il-Ħadd, 28 ta' Frar, 2010.

Il-laqgħa spiċċat fit-9.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-367 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 10 ta' Marzu, 2010.

Domenic Agius
Sindku